11 ta' April, 1949.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Antonio Psaila**

## Frode Kummerċjali — Dolo — Prova — Art. 312 (1) (c) u art. 313 tal-Kodiċi Kriminali.

*Biex ikun hemm ir-reat ta' min jagħmel xjentement użu ta' marka, sinjal, tabella, jew emblema, li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta ta' merkanzija, jew ibiegħ merkanzija b'dik il-marka, sinjal jew emblema, m'hemmx dubju li l-liġi trid mhux sempliċement il-bejgħ materjali tal-ħaġa kontraffatta, imma trid ukoll li min ibiegħ ikun qiegħed jagħmel hekk dolożament, fis-sens illi waqt il-bejgħ huwa jkun jaf li l-merkanzija hija kontraffatta*

*Però, b'eċċezzjoni għall-prinċipju solitu ġenerali, l-istess liġi f'dawn il-każi titfa' l-"onus probandi" fuq l-akkużat, fis-sens illi dan jitqies li mexa dolożament sakemm ma jippruvax li ma kellux ħsieb doloż. Għalhekk il-Prosekuzzjoni għandha favur tagħha l-preżunzjoni indetta mill-istess liġi, u jmiss lid-difiża li bil-provi tagħha twaqqa' dik il-preżunzjoni.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-19 ta' Frar 1949, dan Psaila ġie misjub ħati talli xjentement għamel użu minn marka (tikketta) fuq flixkun talwhisky bil-ħsieb li jqarraq bix-xerrej dwar il-kwalità tal-whisky, u talli offra għall-bejgħ whisky bi prezz aktar milli huwa xieraq, u eżerċita mestjer bla l-liċenza meħtieġa; u ġie kundannat għall-ewwel imputazzjoni għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien disa' xhur, u għat-tieni imputazzjoni għal multa ta' £13;

L-imputat issa appella minn din id-deċiżjoni. Kif jidher mill-verbal fol. 36, l-appell hu limitat għall-ewwel imputazzjoni. Kwantu għat-tieni imputazzjoni, id-difiża qiegħda titlob biss minorazzjoni tal-piena;

Trattat l-appell, dina l-Qorti rriflettiet;

Id-difiża ssostni li din l-imputazzjoni għandha tiġi eskluża għaliex jonqos l-element tax-"scienter". Dr. Borg Grech, difatti, patroċinatur ta' l-imputata, issottometta fil-kors tattrattazzjoni argumenti diversi biex juri illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-"mens rea"; u osserva wkoll illi, avvolja ċ-ċirkustanzi tal-bejgħ magħmul mill-imputat lil Vitor Micallef kienu suspettużi, però l-inferenza deduċibili minnhom ma hix neċessarjament tali li tieħu għad-delitt li tiegħu ġie misjub ħati l-imputat; id-difensur qal li l-imputat seta' biegħ bilmoħbi għaliex, per eżempju, kien qiegħed ibiegħ bla liċenza, jew bi prezz eċċedenti l-mieta;

Issa, milli jidher, id-difiża naqset li tieħu in konsiderazzjoni dispożizzjoni tal-liġi ta' importanza kardinali f'dan il-każ. Infatti l-imputazzjoni hi taħt l-art. 312 (1) (c) tal-Kap. 12 Ediz. Riv., li jikkontempla l-każ ta' min "jagħmel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella, jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema". Ma hemmx dubju li l-liġi teżiġi mhux sempliċement il-bejgħ materjali tal-ħaġa kontraffatta, imma trid ukoll li min ibiegħ ikun qiegħed jagħmel hekk dolożament, fis-sens li, fil-waqt tal-bejgħ, ikun jaf li l-merkanzija hija kontraffatta;

Imma, b'eċċezzjoni għall-prinċipju solitu ġenerali, il-liġi,

fl-artikolu ta' wara (313). b'riferenza, fost każijiet oħra, għall-każ ta' l-art. 312 (c) fuq imsemmi, tgħid hekk:— "F'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fil-paragrafi (a) (b) (c) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu ta' qabel dan, jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm il-darba ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż";

Għalhekk l-"onus probandi" ma hux mixħut fuq il-Prosekuzzjoni. Dina għandha favur tagħha l-preżunzjoni indetta mil-liġi stess; u jmiss lid-difiża li "bil-provi tagħha twaqqa' dik il-preżunzjoni":

Għalhekk il-Qorti għandha tara biss jekk, la darba ma hux kontrastat, kif ma hux kontrastat, illi l-whisky li biegħ l-imputat kellu tikketta li falsament kienet turih bħala whisky Skoċċiż, mentri kien maħdum lokalment, l-imputat irnexxielux iwaqqa' dik il-preżunzjoni bil-provi tiegħu;

Issa, l-imputat fix-xhieda tiegħu qal li hu ma kienx jaf li l-whisky ma kienx whisky ta' barra, u li meta, wara li hu kien biegħ lil Vitor Micallef, ċertu Giuseppe Azzopardi, li kien tah il-whisky, infurmah li l-whisky ma kienx ġenwin, hu mar jilħaq, u laħaq. lil Micallef, u ried jieħu l-whisky lura minn għandu u jirrestitwilu l-flus; iżda dana ma riedx. Għalhekk, tgħid id-difiża, ix-xjenza ssopravveniet wara, u ma kienx hemm il-"mens rea" fil-waqt tal-bejgħ;

Issa, apparti l-inverosimiljanza per sè ta' din il-verżjoni, hemm anki dawn iċ-ċirkustanzi li jivvulnerawha;

*Omissis*;

F'dawn il-kontinġenzi ma jistax serjament jingħad li l-imputat irnexxielu jwaqqa' l-preżunzjoni tal-"mens rea" indetta b'dispożizzjoni espressa mil-liġi;

Dwar il-piena, ma hemmx raġunijiet biex tiġi mbiddla, la dik ta' l-ewwel imputazzjoni, u lanqas dik tat-tieni imputazzjoni;

Konsegwentement;

L-appell hu miċħud u s-sentenza konfermata.

---